

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.7007 – RZB/RBSPK/RWBB)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2013/C 292/05)

1. Fit-30 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Raiffeisen Zentralbank Österreich AG ("RZB") takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriżi Raiffeisen Bausparkasse GmbH ("RBSPK") u Raiffeisen Wohnbaubank AG ("RWBB"), permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal RZB: l-istituzzjoni ċentrali ta' Raiffeisen Bankengruppe Österreich ("RBG") u f'din il-funzjoni t-twettiq ta' servizzi ċentrali għal RBG, inklużi s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni u l-ġestjoni tal-marka, il-likwidità tas-settur u l-ġestjoni tat-teżor eċċ,
 - Għal RBSPK: finanzjament għall-manutenzjoni jew it-titjib tad-djar fl-Awstrija, b'enfasi fuq il-prodotti tat-tfaddil,
 - Għal RWBB: il-ħruġ bħala fiduċjarja għall-banek imsieħba ta' bonds tad-djar eżenti mit-taxxa u t-trażmissjoni tal-qligħ rispettiv lill-banek imsieħba li, min-naħa tagħhom, jagħtu dawn il-fondi lill-klijenti permezz ta' self ta' kreditu assenjat esklussivament għal skopijiet ta' xiri ta' djar.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7007 – RZB/RBSPK/RWBB, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").